2. *Appell – Aggravji – Motivazzjoni insuffiċjenti jew kontradittorja (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(ċ)) (ara l-punti 75, 76)*

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tat-13 ta' Lulju 2006, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-225/04), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003)3971 finali, tas-26 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva bejn l-Istati Membri ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest ta' l-inizjattivi Komunitarji għall-perijodu 1994-1999, kif ukoll ta' l-atti konnessi u preċedenti.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Taljana għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika ta' Malta

(Kawża C-508/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 96/59/KE — Artikolu 11 — Ġestjoni ta' l-iskart — Rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls — Nuqqas ta' komunikazzjoni tal-pjanijiet u tal-qafas meħtieġa"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Evalwazzjoni tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996, dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT) (ĠU L 243, p. 31) — Nuqqas li jiġu ppreparati u kkomunikati lill-Kummissjoni, fit-terminu previst, il-pjanijiet, il-qafas u s-sommarji ta' inventarji previsti mid-direttiva.

Dispożittiv

1) Billi ma kkomunikatx il-pjanijiet u l-qafas meħtieġa mill-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996, dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT), ir-Repubblika ta' Malta naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11, moqri flimkien ma' l-Artikolu 54 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea.

2) Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata għall-ispejjeż.